# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Tnejn dsatax (19) ta' Ottubru 2015**

**Rikors Numru 23/14 FDP**

**Joseph Sant u Theresa Sant**
**(ID 17448M u 61944M)**

**vs**

**Peter Axisa (ID 804848M) f'ismu personali u ghan-nom ta' Ta' Qali Producers Group**

Il-Qorti:-

Rat l-avviz ippresentat fis-27 ta' Jannar 2014 fejn ir-rikorrenti talbu lill-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallas is-somma ta' sitt elef, disgha mija u wiehed u disghin Euro u tnejn u sittin centezmu (€6,991.62) bhala arretrati ta' konsum ta' dawl u ilma flimkien ma' somma ohra li l-atturi iridu jhallsu biex jerrgghu iqaabbdu d-dawl ki ukoll danni subiti illi ma jeccedux l-elfejn Euro (€2,000).

Rat il-kuntratt ta' kiri esebit mir-rikorrenti a fol 2 tal-process u datat 1 ta' Marzu 2010.

Rat l-eccezzjonjiet ta' Peter Axisa ghan-nom u in rappresentant ta' Ta' Qali Producers Group ippresentat fit 13 ta' Frar 2014 fejn eccepixxa illi dina l-Qorti mhix kompetenti biex tisma l-kaz stante illi hija talba ghall-has ta' kera. Minghajr pregudizzju, l-intimat sahaq illi talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat l-eccezzjonijiet ta' Peter Axisa personalment ippresentati fit 13 ta' Frar 2014 fejn, filwaqt illi irrepeta l-eccezzjonijiet hawn fuq imsemmija, eccepixxa wkoll illi huwa ma ghandu ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti stante illi l-kuntratt ta' kiri kien iffirmat ma' Ta Qali Producers Group, u ghalhekk kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Semghet ix-xhieda ta' **Reuben Bonnici**, rappresentant tal-ARMS Limited, moghtija fl-24 ta' Marzu 2014 kif ukoll rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda tar-rikorrent **Joseph Sant** moghtija fl-24 ta' Marzu 2014 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ta' **Peter Axisa** moghtija fit 30 ta' Gunju 2014.

Semghet ix-xhieda ulterjuri ta' Joseph Sant moghtija fl-20 ta' Novembru 2014 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat illi fil 5 ta' Frar 2015 ir-rikorrenti iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw.

Semghet il-kontro ezami ta' Joseph Sant moghtija fit 30 ta' April 2015.

Semghet l-ezami ulterjuri u kontro ezami ta' Peter Axisa illi saret fit 18 ta' Gunju 2015.

Rat illi fit 13 ta' Lulju 2015 il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw u l-kawza setghet tithalla ghas-sentenza fuq il-provi illi kien hemm.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrenti huma sidien tal-hanut 309, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta, illi ghandu wkoll bieb li jgib in-numru 1, fi Triq in-Naqqax, Mosta.

Jirrizulta wkoll illi fl-1 ta' Marzu 2010. Ir-rikorrenti kienu krew il-hanut lill-grupp ta' produtturi bl-isem ta' Ta' Qali Producers Group, li ghalih kien qieghed jidher Peter Axisa bhala Chief Executive Officer ta' l-istess grupp.

Jirrizulta illi l-hanut inghalaq mit-Ta' Qali Producers Group fl-ahhar ta' Jannar 2014 u minn dakinhar huma waqqfu illi joperaw minn tali fond, li minnhom huma vakaw.

Jirrizulta illi meta huma vvakaw il-hanut, ghalkemm il-kirjiet kienu kollha thallsu, kien hemm xi pendenzi lura ta' dawl u ilma, kif ukoll xi kontijiet ohra relatati mal-manteniment tal-lift, illi kien obbligu taghhom, a tenur tal-klawsola 7 tal-kuntratt (fol 2), li jiehdu hsieb.

Jirrizulta mid-dokumentazzjoni ippresentata mill-ARMS Limited illi, sal-11 ta' Jannar 2014, il-pendenzi tad-dawl u ilma kienu jammontaw ghall hamest elef, sebgha mija u tnejn u disghin Euro u wiehed u sittin centezmu (€5,792.61), kif jidher a fol 30 tal-process.

Jirrizulta illi fil 21 ta' Jannar 2014, ir-rikorrenti kienu gew mgharrfa permezz ta' email illi tidher a fol 34 illi kienu ghadhom dovuti kontijiet pendenti ghall-manutenzjoni tal-lift, liema hlasijiet, ammontanti ghall mitejn erbgha u tletin Euro u sebgha u tletin centezmu (€234.37), ma kienux saru mit-Ta Qali Producers Group, kif ukoll kien hemm manutenzjoni illi kellu jsir izda li ma sarx ghax ma fethulhomx it-Ta Qali Producers Group, liema manutenzjoni kien ser jiswa erbgha mija u hamsa u ghoxrin Euro (€425), u li kellu bzonn jsir. Dawna kienu jaghmlu total ta' sitt mija u disgha u hamsin Euro u sebgha u tletin centezmu (€659.37)

Jirrizulta, mhux ikkontestat mir-rappresentanti tat-Ta Qali Producers Group, illi waqt illi l-hanut kien fil-pussess taghhom, saret hsara lill-hgiega tal-hanut, liema hsarat wasslu ghar-rimpjazzament tal-hgiega wara li vvakaw il-hanut it-Ta Qali Producers Group, u dana sewa lir-rikorrenti is-somma ta' disgha mija u hamsa u ghoxrin Euro (€925).

Jirrizulta illi r-rikorrenti, fil-proceduri, esebew dokumentazzjoni ulterjuri b'talbiet ta' rifuzjoni ta' spejjez ulterjuri illi huma baghtew, li kkollha jgibu d-data ta' wara li l-hanut gie vakat mit-Ta' Qali Producers Group, izda ma ngibet ebda prova illi tali hsarat gew ikkawzati mill-intimat Ta' Qali Producers Group jew minn terzi u, la darba tali kontijiet kollha jgibu d-data ta' wara illi l-hanut gie vakat, il-Qorti ma hijiex ser tiehu konsiderazzjoni taghhom fil-komputazzjoni tad-danni.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi l-eccezzjoni ta' Peter Axisa, personalment, hija illi huwa ma kellu ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti u ghalhekk, fuq bazi personali, huwa kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Jirrizulta, mill-ftehim iffirmat fl-1 ta' Marzu 2010, illi l-ftehim kien jghid illi l-intimat kienu qed "*jaghtu u jikkoncedu b'titolu ta' lokazzjoni a favur tal-Grupp ta' Produtturi bl-isem ta' Ta' Qali Producer Group, hawn imsejjah fuq dan il-kuntratt bhala TQPG u irrappresnetant mic-Chief Executive officer tieghu, is-sur Peter Axisa*".

Jirrizulta, ghalhekk, illi ir-rikorrenti dahhlu fi ftehim mat-Ta' Qali Producer Group, li ghalihom kien qieghed jidher Peter Axisa bhala CEO taghhom,  u mhux ma' Peter Axisa personalment.

Jirrizulta car ukoll illi ghalkemm Peter Axisa kien dahal fi ftehim ma' l-ARMS Limtied dwar pagamenti tad-dawl u ilma meta l-kont kien ilu ma jithallas, kif jidher a tergo ta' fol 31, huwa kien qieghed hemm jiffirma ghan-nom ta' Ta' Qali Producer Group illi taghha kien is-CEO, u mhux personalment.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi hekk kif vakat il-hanut it-Ta' Qali Producer Group, dina halliet il-pendenzi kif aktar il-fuq deskritti, illi kienu jammontaw ghall-hamest elef, sebgha mija u tnejn u disghin Euro u wiehed u sittin centezmu (€5,792.61), ghal dak li jirrigwarda dawl u ilma, sitt mija u disgha u hamsin Euro u sebgha u tletin centezmu (€659.37) ghal dak li jirrigwarda spejjez relatati mal-lift u disgha mija u hamsa u ghoxrin Euro (€925) ghal dak li jirrigwarda hsarat fil-hgieg tal-faccata tal-hanut, illi b'kollox jaghmlu total ta' sebat elef, tlett mija u sitta u sebghin Euro u tmienja u disghin centezmu (€7,376.98).

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat id-dokumentazzjoni kollha ppresentata quddiemha u semghet il-provi mressqa quddiemha

Tghaddi biex taqta' u tiddeciedi l-kaz billi

**Tilqa** l-eccezzjoni ta' Peter Axisa personalment u ghalhekk

**Tillibera** lill-Peter Axisa personalment mill-osservanza tal-gudizzju

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha tat-Ta' Qali Producer Group, u ghalhekk

**Tilqa'** t-talbiet attrici limitatament fis-sens illi

**Tikkundanna** lit-Ta' Qali Producer Group thallas lir-rikorrenti is-somma ta' sebat elef, tlett mija u sitta u sebghin Euro u tmienja u disghin centezmu (€7,376.98).

Spejjez tal-kawza odjerna u imghax mid-data tal-presentata ta' l-avviz sad-data tal-pagament effettiv ikun a kariku tat-Ta' Qali Producer Group.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur